

- ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali aggressiva, bl-eżerċizzju ta' influwenza mhux xierqa, minħabba biss l-assenza ta' komunikazzjoni individwali u minn qabel lill-konsumatur, b'mod partikolari permezz ta' posta elettronika jew fl-indirizz tad-dar tiegħu, tal-mudelli ta' kuntratti kollha, meta l-konsumatur kellu l-opportunità, qabel iż-żjara tal-messaġġier, li jiffamiljarizza ruħu mal-kontenut tagħhom; u
- tikkostitwixxi prattika kummerċjali aggressiva, billi teżerċita influwenza mhux xierqa, b'mod partikolari meta n-negozjant jew il-messaġġier tiegħu jkunu wettqu aġir żleali li jkollu l-effett li jitfa' pressjoni fuq il-konsumatur b'tali mod li l-libertà tal-għażla tiegħu tinbidel b'mod sinjifikattiv, bħalma huwa l-aġir li jiskomoda lill-konsumatur jew jiddisturba r-riflessjoni tiegħu dwar id-deċiżjoni kummerċjali li għandha tittieħed.

(<sup>1</sup>) ĠU C 104, 19.3.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-23 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Oldenburg — il-Ġermanja) — ReFood GmbH & Co. KG vs Landwirtschaftskammer Niedersachsen**

(Kawża C-634/17) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Vjeġġi ta' skart ġewwa l-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1013/2006 — Artikolu 1(3)(d) — Kamp ta' applikazzjoni — Regolament (KE) Nru 1069/2009 — Vjeġġi ta' prodotti sekondarji tal-annimali)

(2019/C 263/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Oldenburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* ReFood GmbH & Co. KG

*Konvenuta:* Landwirtschaftskammer Niedersachsen

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, ħlief fil-każ fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi espressament l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

(<sup>1</sup>) ĠU C 52, 12.2.2018.